**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 49– IT-TNEJN, 21 TA' JANNAR 2013 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Skużati | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 48**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 75**

2.1 Ġie deċiż li pagamenti numru 25 u 26 lil Perit Bezzina jiġi klarifika qabel ma jitħallas.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is- Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġie deċiż li l-Kunsill jerġa' jorganizza, mas-San Ġwann Football Nursery, il-Youth Football Tournament. Kien hemm qbil unanimu.

3.2 Ġie deċiż li jiġi mqabbad l-*Accountant* tal-Kunsill biex jagħmel il-*Fixed Assets Register*, kif huwa rekjest mid-Dipartiment.

3.3 Ġie deċiż li tiġi mġedda l-*insurance* tal-Kunsill.

3.4 Ġiet innutata korrispondenza rigward taħriġ lill-istaff tal-Kunsill u l-iskema tal-ETC biex jiffinanzjaw parti minn din in-neqfa. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara fuq din.

3.5 Ġiet innutata talba għal *un/loading* fi Triq San Pawl. Ġie deċiż li ma tiġix aċċettata din it-talba.

3.6 Ġiet innutata ittra mid-dipartiment fejn ġiet rifjutata l-applikazzjoni tal-Kunsill għal skema biex tiġi restawrata l-Kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar.

3.7 Ġiet innutata ittra minn Angela House u d-dar tal-Ursolini biex tirringrazzja lill-Kunsill għall-fondi ġenerati waqt attività "Gift in a Shoebox".

3.8 Ġiet innutata petizzjoni, hekk kif ġiet mitluba mill-Kunsill, biex issir talba lil TM biex it-Toroq Hġejjeġ u Matrenza jsiru *timed parking* kif hemm fis-*service road* ta' Vjal ir-Riħan.

3.9 Ġiet innutata ittra lill-pulizija, kopja lill-Kunsill, rigward ilment fuq id-distributur tal-gass li qed jagħmel storbju eċċessiv meta jdoqq il-horn fi Triq l-Isponsun.

3.10 Ġiet innutata ittra mid-Dipartiment rigward l-allokazzjoni ta' 2000 Ewro biex tiġi organizzata l-Karnival f'San Ġwann fl-10 ta Frar.

3.11 Ġie deċiż li titnaddaf barra mill-entratura tal-*Cart Ruts*, kif ukoll issir bozza ġdida fuq arblu eżistenti.

3.12 Ġie deċiż li tintalab stima għall-bankina fi Triq il-Ħawħa, kantuniera ma' Triq Gakaranda.

**4 Affarijiet Oħra**

4.1 Is-Sur Neville Mallia ppropona li jiġu rranġati l-kaptelli fi Triq Ġorġ Tayar, jitwaħħal doggie bin fi Triq il-Bosfru, u jsiru 3 bollards fi Triq Bella Vista. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jsiru *information packs* minħabba li spiċċaw, *patching* fi Triq il-Fikus, u jsir xogħol f'bankina fi Triq l-Istefanotis biex ikun hemm aċċessibbiltà ahjar. Għandhom jsiru posters għall-attività tal-Karnival kif ukoll jsir *agreement* mal-kuntratturi tal-latrine attendent minħabba li din se taqa' u ssir mill-ġdid. Hija ppreżentat rendikont finanzjarju tad-*day centre*, ippreżentat €22.75 għax-xhur ta' Novembru – Diċembru.

4.3 Is-Sinjura Violet Bajada pproponiet li ssir doggie bin fi Triq il-Qasab, u jsiru cats eyes fiz-zebra crossing ta' Triq is-Santwarju kif ukoll jintalab biex isir refreshing taż-żebgħa fiż-zebra crossing fi Vjal ir-Riħan. Talbet biex isir l-iżbir ta' qasab fi Triq l-Ambaxxati kif ukoll knis aħjar fi Triq Mons Debono u Triq l-Ambaxxati.

4.4 Is-Sinjura Rita Saliba pproponiet li ssir lampa ġdida fi Triq il-Ballut, u tiġi rranġata r-reflector ta' bozza fi Sqaq Tomna. Għandu jintalab stima tal-bankina fi Triq il-Ballut, kif ukoll tintalab biex isir ir-refreshing taż-żebgħa taż-zebra crossing fi Vjal ir-Riħan.

4.5 Is-Sur Mikhail Micallef talab biex l-iskips tar-reċiklaġġ li jinsabu fi Triq Ġiacinti jiċċaqalqu għal Triq San Andrea kantuniera ma' Triq il-Mensija. Ma kienx hemm qbil fuq din. Għandu jiġi rrappurtat li crossing lights quddiem il-Knisja mhumiex qed jaħdmu u staqsa rigward il-Wifi hot spots li se jsiru.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 4 ta' Frar 2013 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**